**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 5**

L-EWWEL PARTI TAL-LAQGĦA LI SARET NHAR
IT-TLIETA 18 TA' GUNJU 2013 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1 APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Is-Sindku M. Zammit fetaħ il-laqgħa.

Is-Sindku M Zammit resaq għall-approvazzjoni l-aħħar Minuti tas-Seduta 3 l-ewwel parti datata 20 ta' Mejju 2013 u t-tieni parti datata 29 ta' Mejju 2013.

Il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-Minuti għandhom jiġu approvati. Biss li kull Kunsillier għandu jara jekk hemm bżonn li jsiru emendi jew korrezzjonijiet għal dawn il-Minuti peress li dawn il-Minuti ġew mogħtija ftit ħin qabel l-laqgħa tal-Kunsill.

Dawn għandhom jintbgħatu lis-Segretarju Eżekuttiv fiz-żmien 3 ijiem, sabiex l-Agent Segretarju Ezekuttiv ikun jista jemenda dawn il-Minuti u finalment jerġa jressaqhom waqt laqgħa tal-Kunsill li kien imiss.

## 2 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1 Is-Sindku M. Zammit tkellem rigwardil-Laqgħa ta' Konsultazzjoni mal-Pubbliku li riedet issir rigward it-tindif. Din il-laqgħa hija proposta li ssir fid-19 ta' Gunju 2013 għar- residenti tat-toroq Guzeppe Cali, Enrico Mizzi, Emanuel Galizia , Sir Ugo Mifsud, Testaferrata u San Gwann tas-Salib. Mistieden għal-laqgħa se jkun hemm l-Authorised Officer is-Sur David Soler

2.2 Is-Sindku M. Zammit tkellem fuq l-attivita ta' Jum ta' Xbiex li saret fejn il-funtana nhar is-Sibt 15 ta' Ġunju 2013.

Hu qal li kien sodisfatt ħafna bl-attivita ta' Jum Ta' Xbiex fejn kien hemm attendenza tajba.

2.3 Il-Kunsilliera A Cachia Castelletti u l-Kunsillier E Muscat qalu li ma kienux sodisfatti għax kien hemm nuqqas ta' serjeta minn naħa ta' wieħed mill-*entertainers* peress li uża ċertu kliem vulgari u baxx. Huma qalu li, attivita serja bħal Jum Ta' Xbiex l-*entertainer* ta' din it-tip ma jmorrux f'attivita bħal din.

Jidher li l-Kapillan ma hax pjacir b'certu kummenti u kliem li kien sar minn dan l-*entertainer*. L-Aġent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace kien se jieħu sabiex iċempel lil-Kapillan biex jiskuża l-Kunsill ta' ċertu kliem li kien sar.

2.4 Il-Kunsillier E Muscat staqsa lis-Sindku M Zammit kif baqa' l-Kunsill fuq il-każ ta Alfred Portelli ex Contract Manager. Is-Sindku M Żammit qal li tkellem ma l-Avukat tal-Kunsill fuq dan il-kaz u għadu qed jistenna risposta.

2.5 Is-Sindku Max Zammit tkellem fuq il-bins fejn qegħdin fl-area tax-Xatt li jidher li qed jieħu ħsieb il-Wasteserve. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issuġġerixxa li jiġu l-*Green Wardens* iduru fil-lokalita'

Il-Kunsillier Frank Roe qal li meta qegħdin jiġu l-Wateserve biex ibattlu l-bins mhux dejjem qed jinġabar l-iskart li jkun hemm madwar il-bins.

Is-Sindku M Zammit fuq suġġerriment li kien għamel il-Kunsillier E.Muscat ippropona li l-*Green Warden* jibdew jintbgħatu *randomely* sabiex isir iktar infurzar.

2.6 Is-Sindku M Zammit resaq mozzjoni sabiex il-*bring in sites* li hemm Triq il-Qaws jiġu mċaqalqa minn fejn huma u jiġu ppustjati fi Triq l-Imradd. Għaldastant ġiet mpoġġija mozzjoni Nru 001 li tghid hekk

**Mozzjoni Numru 001**

| | |
|---|---|
| **Suġġett:** | **Ċaqlieq tal-Bring-In-sites minn Triq il-Qaws għall- Triq l-Imradd** |
| **Proposta minn** | **Max Żammit - Sindku** |
| **Issekondata minn** | **Viċi Sindku Ronnie Portelli u l-Kunsilliera Frank Roe** |

.

2.6a Is-Sindku M Zammit xtaq li l-*bring-in-sites* li qegħdin fi triq il-Qaws jitneħħew u jitpoġġew fi Triq l-Imradd c/w Triq il-Prinjolata.

2.6b Il-Kunsillier A Cachia Casteleltti jixtieq jgħamel emenda illi jekk dawn għandhom jiċċaqalqu jiġu mneħħija totalment

Peress li deher li ma kienx hemm konsensus kemm għal-Mozzjoni tas-Sindku M Zammit kif wkoll għall-Emenda tal-Kunsillier A Cachia Castelletti, s-Sindku M Żammit rrakomanda li jittieħed vot fuq l-Emenda u l-Mozzjoni.

**Riżultat tal-Votazzjoni fuq l-Emenda u Kontrih**

**Favur l-Emenda**

Kunsillier Anthony Cachia Castelletti
Kunsillier Eugenio Muscat

**Kontra l-Emenda**

Sindku Max Żammit
Viċi Sindku Ronnie Portelli
Kunsillier Frank Roe

Għaldaqstant l-emenda ma ġietx approvati u s-Sindku talab li ttieħed vot fuq il-mozzjoni oriġinali.

Il-vot ttieħed u ġie ivutat hekk.

**Favur il-Mozzjoni**

Sindku Max Zammit
Vici sindku Ronnie Portelli
Kunsillier Frank Roe

**Kontra l-Mozzjoni**

Kunsillier Anthony Cachia Castelletti
Kunsillier Eugenio Muscat

Rizultat: 3 favur il-Mozzjoni u tnejn kontra
Għaldaqstant il-mozzjoni għaddiet

2.7 Is-Sindku M Żammit tkellem rigward il-fatt li m'hemmx biżżejjed *noticeboards* fil-lokalita' u li ikun hemm mqar tnejn oħra fejn jistghu jiġu mwaħħlin u li għandhom jigu manutenzjati ta' spiss u saret diskussjoni tal-postijiet fejn għandhom jiġu mwaħħlin. Dawn huma x-Xatt, fejn il-Knisja u fejn il-*bring in-sites*. Għandu jkun hemm mappa ta' Ta'Xbiex ġo fih.

2.8 Is-Sindku M Zammit tkellem rigward l-iskema tar-*Resident Parking Scheme*. Hu qal li jixtieq ibiddel xi affarrijiet .

Għamel proposta fejn irrid jara l-possibilita li jagħtu tip ta' G*uest Parking* lil familja tar-residenti ta' Ta' Xbiex li jkunu qegħdin iżuruhom. Il-Kunsillier A Cachia Castelletti ssuġġerixxa li nestendu l-ħin tat-tabelli sa 120 minuti minflok 90minuta. Il-Kunsillier F Roe qal li hemm problema kbira fl-area fejn joqgħod hu E4, E5, Triq id-Deffa fejn il-ħaddiema tal-*Egaming* qed jipparkjaw f'dik l-area ġurnata sħiħa. Ġie diskuss il-possibilta li ssir laqgħa ta' diskussjoni li jkun rigward ir-*Resident Parking Scheme* biss. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan.

2.9 Il-Kunsill ddiskuttew persuna li jaħdem f'Ta' Xbiex li għandu diżabilta' u ma jistax jimxi fit-tul. Dan għandu bzonn xi tip ta' *temporary permit*, sakemm jieħu l-*blue sticker*. Il-Kunsilliera qablu li se jgħinu dan l-individwu biex jakkwista l-*blue sticker*. Iddeċidew wkoll li jiżdied l-*parking spaces* għall-persuni b'diżabilta f'Ta' Xbiex u napplikaw biex tiġi mplimentata.

2.10 Is-Sindku M Zammit tkellem fuq l-festival tad-dgħajjes li kienet intbghatet ittra. L-ittra kienet rigward l-possibilta li l-attivita ssir ix-Xatt fil-parking tal-*Yacht Marina* f'Settembru. Is-Sindku Max Zammit iddiskuta x'se jgħamel u ssuġġerrixxa li l-Kunsill tibgħat ittra lil *organizers* tas-*Sailing Village* biex jagħtu iktar dettalji fuq l-attivita'.

2.11 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv P Pace tkellem rigward il-*Performance Bonuses* tal-*clerks*. Huwa qal li il-*Performance Bonuses* tal-clerks kienu ilhom ma jintressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill dan l-aħħar sentejn. Is-Sindku M Zammit għaldaqstant resaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Performance Bonuses tal-clerks li huma Denise Vella u Anna Micallef. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dawn il-Performance Bonuses għandu jingħata lilhom *in full*.

2.12 L-Aġent Segretarju Ezekuttiv P Pace qal lil Kunsill li kien irċieva email minghand l-ASKLM fejn din ħeġġiet kull Kunsill biex jintbgħat rappreżentant ħalli ssegwi kors relatat mal-finanzi tal-Kunsill. Dan il-kors se jkun għal-7 ġimgħat u kienu se jibdew isiru kull nhar ta' Erbgħa fil-Kunsill Lokali tal-Mosta.

Is-Sindku M Zammit rrakkomanda is-Sinjura Anna Micallef peress li hija tieħu ħsieb il-finanzi tal-Kunsill sabiex tattendi għal dan il-kors. Il-Kunsill qabel unanimamnet li għandha tintbgħat Anna Micallef.

Is-Sindku M Zammit tkellem rigward il-proposta li għamel mal-iskrivani peress li xtaq li xi ħadd joqgħod miegħu wara s-1.30pm sal-5.00pm.

Is-Sindku M Zammit resaq l-proposta biex jitħallas l-kumplament tal-pagament ta' Sergio Sciberras la darba ġie ppreżentat iċ-ċertifikat tal-*final certification*.

## 3 EGĦLUQ TAL-LAQGĦA

Il-laqgħa tal-Kunsill spiċċat fil-5.30pm u peress li kien għad fadal x'jiġi diskuss aġġornaw għat-8 ta' Lulju fit-3.00pm.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv